MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 798/2000/1

**Maltacom p.l.c**

**vs**

**Adrian Busietta**

Il-Qorti

Peress skond it-dokument relattiv hawn anness u markat ‘Dok A’ kif ukoll skond ir-regolament vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizz moghitja mill-Korporazzjoni Telemala (awtrici ta’ Maltacom p.l.c) , il-konvenut huwa debitur tas-socjeta attrici fis-somma ta’ elf u tletin lira Maltini u erbatax-il centezmu (Lm1,030.14) in konnessjoni mas-servizzi tat-telefon relattivi ghal-linji bin-numru telefoniku

375391, bin-numru tal-klient 246059 skond il-prospett hawn anness u markat bhala 'Dok B';

Illi ghalkemm il-konvent gie interpellat diversi drabi biex ihallas, hu baqgha inadempjenti u ma hallas xejn;

Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba tas-socjeta attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf u tletin lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm1,030.14);

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tat-taxxa tal-Vat fuq id-drittijiet professjoniali u bl-imghaxijiet kontra il-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie ecepit :-

1. Illi l-eccepjenti m'huwiex il-legittimu kontradittur peress li huwa ma ffirmax il-ftehim li ghab-bazi tieghu qeghdin isiru dawn il-proceduri u lanqas qatt awtorizza lil xi hadd sabiex jiffirma ghan-nom tieghu;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u f'kaz biss li ma tigix milqugha din l-eccezzjoni, fir-rigward ta' ammonti li jirreferu ghal qabel it-28 ta' April 1995 dawn huma preskritti skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili (Kap.16);

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u f'kull kaz, il-hlas tal-kera tista' tintalab biss diment li kien hemm is-servizz tat-telefon;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debiament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Ottubru 2003;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippretendi li l-konvenut personalment huwa debitur taghha fis-somma ta' elf u tletin lira maltin u erbatax-il centezmu (Lm1,030.14) in konnessjoni mas-servizzi tat-telefon relattivi ghal-linji bin-numru telefoniku 375391;

In sotenn ta' din il-pretensjoni s-socjeta attrici pproduciet dokument ('Dok A') a fol. 7 tal-process. Dan id-dokument hu kopja tal-fehim sabiex tigi installata l-linja tat-telefon in kwestjoni. Dan il-ftehim hu ffirmat minn certa Monica Xiberras ghan-nom tal-konvenut;

Dwar dan il-ftehim il-konvenut jghid li s-servizz tat-telefon in kwestjoni kien gie nstallat fl-ufficju tas-socjeta Busietta Gardens Madliena Limited fil-Maddliena u ghalhekk ghal beneficcju tal-istss socjeta. Huwa jghid li qatt ma awtorizza lill-imsemmija Xiberras sabiex tiffirma il-ftehim in kwestjoni f'ismu personalment;

Mhux bizzejjed li l-konvenut jghid li huwa ma awtorrizzax lill-imsemmija Xiberras li tiffirma ghalih. Huwa messu pproducja lill-istess Xiberras bhala xhud. Barra min hekk jirrizulta li l-konvenut personalment obbliga ruhu versu s-socjeta attrici ghar-rigward tal-hlas lill-istess socjeta attrici tal-ammonti in kwestjoni (fol.27). Inoltre in vista ta' dan id-

dokument l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tista qatt tigi akkolta;

In vista tal-premess il-pretensjonijiet tas-socjeta attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati filwaqt li l-eccezzjoijiet kollha tal-konvenut ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf u tletin lira maltin u erbatax-il centezmu (Lm1,030.14) ghar-ragunijiet indikati fic-citazzjoni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------